MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' April, 2009

Numru 1399/2007

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca u
Spettur Stephen Gatt)

vs

Wayne Falzon

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta' karta ta' identita numru 387585(M) akkuzat, talli:

1. nhar fil-11 ta' Novembru 2007, ghall-habta ta' l-4a.m. fi Triq Bisazza, Sliema bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq mill-hanut 'Ultimate', flimkien ma' persuna/i ohra mhux maghrufa, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta'

tieghu, u li kieku gie esegwit kien ikun serq aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elf lira Maltin, u bil-hin;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, flimkien ma’ persuna/i ohra mhux maghrufa, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioé hgiega mill-faccata tal-hanut ‘Ultimate’, kif ukoll *screen* ta’ televizjoni u *lap-top computer*, liema hsara teccedi l-hames mitt lira Maltin ai termini ta’ l-Artikolu 325(1)(A) tal-Kap 9, liema hsara saret ghad-dannu tas-socjeta Cutajar Limited u/jew persuni ohra;
3. fl-istess data w hin, kif ukoll qabel, fi Triq Bisazza, Sliema u fi bnadi ohra ta’ dawn il-Gzejjer, saq vettura Isuzu Gemini, numru ta’ registrazzjoni DBA123 minghajr ma kien kopert b’licenzja tas-sewqan u minghajr assigurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni;
4. rrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 wara li huwa ga gie misjub hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom bghatt lill-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti fin-nuqqas ta’ opposizzjoni da parti tieghu.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tat-23 ta’ Marzu 2009 jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni ippersista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat il-verbal ta’ dik l-udjenza fejn il-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ezaminat ix-xhieda li nstemghu;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat qieghed jammetti fuq l-iskorta tal-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali r-reati hemm imfissra, voldieri l’attentat ta’ serq aggravat bil-mezz, valur u hin; ir-reat li ghamel hsara volontarja eccedenti l-€1,165; li saq

vettura minghajr ma kien kopert b'licenzja tas-sewqan u assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni.

Issa l-ammissjoni tieghu hi wahda volontarja u inkondizzjonata u kwindi l-Qorti qeghda tiddikjarah hati ghall-akkuzi fuq riportati.

Rat l-Artikolu 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 264, 267, 270, 278(2)(3), 279(b), 325(1)(a), 289 u 17 (h) u 31 tal-Kap 9 ukoll l-Artikolu 3(1)(2) tal-Kap 104.

Tikkundannah piena ta' prigunerija ta' tlettax-il xahar prigunerija bit-tnaqqis ta' kull perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv u multa ta' € 2330.

Ghal fini tal-arrest preventiv l-Qorti jirrizultalha, salv verifiki aktar dettaljati, illi l-imputat tressaq quddiemha fit-13 ta' Novembru 2007, inghata l-helsien mill-arrest fit-26 ta' Novembru 2007, gie mressaq b'arrest quddiem din il-Qorti, differentement preseduta fit-8.05.2008 talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu tal-helsien mill-arrest u kkundannat xahrejn prigunerija wara li dik il-Qorti ikkonsidrat r-recediva u baqa detenut sal-lum.

Tikkoncedi lill-imputat ihallas il-multa fi zmien 24 xahar mil-lum b'pagamenti konsekuttivi u ininterrotti u mensilment ta' €98 fix-xahar bl-ewwel pagament sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' April 2009 bid-dekadenza taz-zmien u fin-nuqqas konvertibbli f'prigunerija bir-rata ta' €11.65 ghal kull gurnata fuq is-somma li ma tkunx thalset.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------